MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1689/2002

***Carmel sive Charles Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer***

***vs***

***Josephine Frendo***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' tmien mija u hdax-il lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm811.36c) rappresentanti l-hlas ta' tmien kambjali ta' Lm101.42 il-wahda bejn Marzu 2001 u Novembru 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontra l-konvenuta flimkien ma' l-imghaxijiet mid-data tal-maturita' tal-kambjalijiet sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata ma pprezentatx risposta fir-rigward stante illi fil-mori tal-kawza kien hemm possibilita’ ta’ transazzjoni u dana ai termini tal-verbal tal-1 ta’ Novembru 2002.

Ra n-nota pprezentata mill-attur proprio et. nomine li permezz taghha huwa ezebixxa sett ta’ sbatax-il kambjala, inkluzi dawk mertu ta’ din il-kawza, immarkati bhala Dokument JF1 sa JF17.

Ra l-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Novembru 2002 fejn Il-konvenuta giet awtorizzata tipprezenta nota ta’ ammissjoni tat-talba attrici fi zmien hmistax-il gurnata fir-Registru, liema nota madankollu baqghet ma gietx ipprezentata.

Sema' x-xhieda ta’ John Sultana, ghan-nom ta’ l-attur proprio et. nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta’ tmien mija u hdax-il lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm811.36c),bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**